MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Appell Kriminali Numru. 124/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maria Stella Attard)**
**Vs**
**Frank Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Frank Portelli (ID no. 514744M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita` tieghu ta' direttur u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta` kummercjali "The Golden Shepherd Group Limited", C 14948, b'indirizz registrat St. Philip's Hospital, Santa Venera, Malta, u/jew bhala l-persuna li kont inkarigata mill-istess socjeta` kummercjali sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas parti mill-pagi dovuti ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2010 u l-31 ta' Jannar, 2010 ammontanti ghal €1,003.21, naqas li jhallas il-pagi dovuti ghall-perjodu bejn l-1 ta' Frar, 2010 u t-28 ta' Frar, 2010, ammontanti ghal €1,579.92 naqas li jhallas mill-pagi

ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Marzu, 2010 u l-31 ta’ Marzu, 2010 ammontanti ghal €1,481.62 naqas li jhallas il-Weekly Allowance ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Ottubru 2009 u l-31 ta’ Marzu 2010 ammontanti ghal €121, naqas li jhallas il-Bonus statutorju ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Jannar, 2010 u l-31 ta’ Marzu 2010 ammontanti ghal €67.49 u li b’kollox jammontaw ghal erbat elef, erba’ mija sitta u erbghin Ewro u disgha u erbghajn centezmu €4,446.49 li kienu dovuti lill-ex impjegata tas-socjeta` kummercjali hawn fuq imsemmija u cioe` lil **Annunziata k/a Nancy Cauchi** fil-31 ta’ Marzu 2010, meta l-impjieg taghha gie terminat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Marzu, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 45, 46 u 47(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif ukoll ir-Regolament 8 u 22 tal-Avviz Legali 247/2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427/2007, sabet lill-appellant ħati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett (3) xhur u kkundannatu sabiex sa zmien xahar (1) ihallas lil Annunziata sive Nancy Cauchi s-somma ta’ erbat elef, erba’ mija, sitta u erbghin Ewro u disgha u erbghin Ewro centezmi (€4,446.49).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta’ Marzu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla jew thassar u tirrevoka s-sentenza appellata biex b’hekk tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena inkluza l-kundanna li jhallas lill-ex impjegata Annunzjata sive Nancy Cauchi s-somma ta’ erbat elef, erba’ mija, sitta w erbghin Ewro u disgha w erbghin Ewro centezmi (€4,446.49) jew sussidjarjament, tibdel l-istess sentenza appellata billi tikkundannat lill-appellant ihallas lill-ex impjegata s-somma ta’ elf, hames mija, disgha w sittin Ewro u disgha w disghin centezmi (€1,569.99) jew somma verjuri li tirrizulta lil din il-Qorti flok €4,446.49).

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Semgħet ix-xhieda mill-ġdid.

Semgħet ukoll it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u ċioe':

1. Skont it-tahrika, is-somom li l-appellant ghandu jaghti huma €1,003.21 (ghax-xahar ta' Jannar 2010), €1,579 (ghax-xahar ta' Frar 2010), €1,481.62 (ghax-xahar ta' Marzu 2010), €121 (weekly allowance ghall-perjodu bejn Ottubru 2009 sa Marzu 2010) u €67.49 (bonus statutorju ghall-perjodu Jannar 2010 sa Marzu 2010). Maghduda flimkien dawn igibu l-ammont globali ta' erbat elef, mitejn u tlieta u hamsin Ewro u erbgha w ghoxrin centezmu (€4,253.24) u mhux €4,446.49 kif pretiz fl-istess tahrika u li ghalih l-appellant gie kkundannat bis-sentenza appellata. Din id-diskrepanza mhux biss iggib in-nullita` tat-tahrika, ghaliex hija fiha nnifisha kontradittorja, izda s-sentenza appellata wkoll billi permezz taghha l-imputat appellant instab hati u gie kkundannat ghab-bazi ta' din it-tahrika li, skond it-termini taghha, s-somma li ghaliha l-appellant gie kkundannat mhix dovuta. Fi kwalunkwe kaz, hu ovvju li l-akkuza kif inhi ma tistax tissussisti u għalhekk l-appellant kien messu gie liberat u mhux misjub hati u kkundannat li jhallas lill-ex impjegata s-somma ta' €4,446.49 meta jirrizulta bic-car mit-tahrika stess li din is-somma ma kenitx dovuta.

2. Li s-somma kif pretiża fit-taħrika mhix dovuta rrizulta wkoll bl-aktar mod ampju mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti. Jirrizulta li l-ammont pretiz jinkludi dawk l-ammonti li l-appellant huwa legalment obbligat li jzomm mill-paga ta' l-ex impjegata biex jinghaddu lill-awtoritajiet koncernati ghall-hlas ta' taxxa fuq id-dhul kif ukoll kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali. Is-sentenza appellata tirrendi lill-appellant obbligat li jhallas lill-ex impjegata dak li hu hekk tenut li jzomm minghandha kif ukoll ihallas lid-Dipartimenti Governattivi dak li ma jkunx zamm minghand l-ex impjegata biex ma jiffaccjax proceduri ezekuttivi minn naha ta' l-ex impjegata u/jew

proceduri serjissimi minn naha tad-dipartiment Governattivi rilevanti talli ma jkunx ivversalhom dawk l-ammonti li huwa legalment tenut li jnaqqas mill-paga, bonus u allowance ta' l-istess ex impjegata. Kontro-sens legali liema bhalu u ma jistax ikun dan huwa dak li trid il-ligi. Hu sottomess li dak li trid il-ligi huwa li l-ex impjegata tithallas dak li hu dovut lilha. Dak li l-appellant huwa legalment tenut li jzomm biex jghaddihom lill-Gvern mhux u qatt ma kien dovut lilha. Ghalhekk ma jista` qatt legalment ikun li l-appellant jigi kkundannat li jhallas lill-ex impjegata l-ammonti dovuti lill-Gvern u fl-istess waqt huwa jibqa` legalment responsabbli li jhallas lill-Gvern dak li kellu jirritjeni biex jghaddih lill-Gvern.

3. Bhalikieku is-suespost ma kienx bizzejjed, fis-somma pretiza fit-tahrika u li ghaliha l-appellant gie kkundannat, ma tnaqqsitx is-somma ekwivalenti ghal nofs il-paga li kienet tmiss lill-ex impjegata ghaz-zmien ta' l-avviz tat-temm ta' l-impjieg liema avviz qatt ma nghata mill-ex impjegata. Issa dan huwa dritt appertenenti lill-appellant li ukoll jindika li l-ammont pretiz mhux korrett u ma jistax ikun li, f'dawn it-tip ta' proceduri, dak li jkun jigi kkundannat ihallas dak li skond il-ligi mhux dovut.
4. Fid-dawl tas-suespost jirrizulta li l-appellant ghamel dak li kellu jaghmel u mar oltre biex jigi mehlus mill-Ewwel Qorti. Bir-rispett kollu dovut, fi procediment ta' dan it-tip, kull ma ghandu jipprova l-appellant huwa li l-ammont pretiz mill-prosekuzzjoni mhux dovut. Jinkombi fuq il-prosekuzzjoni l-oneru li tipprova l-ammont pretiz ghal kundanna tal-Qorti ghab-bazi ta' dik il-pretensjoni. Dan, il-prosekuzzjoni naqset li taghmlu u, fid-dawl ta' dan, legalment l-Ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati u tghaddi ghall-kundanna tieghu li jhallas is-somma ta' €4,446.49 lill-ex impjegata meta anki skont it-tahrika stess din is-somma mhix dovuta.

5. L-appellant isostni li legalment din hija l-posizzjoni korretta, li meta f'kawzi bhal dawn jirrizulta li l-ammont pretiz mhux dovut jew mhux korrett, il-Qorti ma ghandha ebda alternattiva hlief li tillibera ghas-semplici raguni li l-akkuza tigi li ma tirrizultax. Izda jekk din il-Qorti jidhrilha li Qorti, f'dawn it-tip ta' kawzi, tista` titlaq mill-ammonti

indikati fit-tahrika, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, huwa sottomess li f'dan il-kaz ghandu jittiehed kont mhux biss tat-tnaqqis kollu obbligat u anki misthoqq skont il-ligi, izda anke zbalji u diskrepanzi tad-Dipartiment fil-pretensjoni taghha. Minn verifiki maghmula mill-appellant jirrizulta li lill-ex impjegata s-somma gross dovuta mhux €4,446.49 izda €4,307.31. Meta minn dawn il-€4,307.31 jitnaqqsu €2,051.46 ghal avviz ta' temm ta' impjieg li ma nghatax, €258 ghat-taxxa fuq id-dhul u €47 ghall-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Nazzjonali, s-somma ta' €1,569.99 hija dik is-somma li tibqa` dovuta lill-ex impjegata (Dokument "A").

Ikkonsidrat

Mix-xhieda ta' Nancy Cauchi jirriżulta li hija għandha pretensjoni ta' €4446.49 f'pagi, bonus u allaowance. Hija ma kinitx tat notice iżda tat l-ittra li fiha wriet li kienet qed tirriżenja mix-xogħol. L-Isptar ma baqax iħallas kull xahar u allura hija kellha kull dritt li taqbad u titlaq. L-ammont li kienet qed tippretendi huwa wieħed gross. Meta kienet qed taħdem l-isptar kien jaqtgħalha l-bolla u t-taxxa normali.

Fil-kontro-eżami hija qalet li l-Isptar kien infurmhom li kien hemm xi diffikultajiet u kienu qed jistenna xi ħlasijiet. Meta rat li ma kinitx ser titħallas ma kellha ebda triq oħra ħlief li titlaq mill-impieg.

Xehed is-Sur Mario Gatt li qal li kienu għamlu t-talba skont il-claims li kienu tawhom l-impjegati. Id-Dipartiment jieħdu l-paga bażika, il-bonus u jaraw hemmx vacation leave dovut. Huwa xehed ukoll li l-Kap 452 jawtorizza lill-prinċipal li jnaqqas dak li huwa dovut f'taxxa u kontribuzzjoni tas-sigurta' nazzjonali. Id-Dipartiment m'għandux l-għodda li għandu min iħaddem dwar kemm għandu jitnaqqas bħala taxxa u bħala kontribuzzjoni għas-Sigurta' Nazzjonali.

Xehed l-appellant Dr Frank Portelli li spjega d-diffikultajiet li sab ruħu fihom l-Isptar. Huwa qal li ħadd mill-impjegati ma qallu li kien ser jirriżenja iżda dawn kienu abbandunaw

lill-pazjenti. Imbagħad spjega dwar l-arranġament li kellhom biex jitħallsu taxxi u l-kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali tal-impjegati. Skont is-sistema li kienu jħaddmu, huma setgħu jkunu jafu jekk l-impjegata kinitx jew le fl-Isptar. L-Isptar kien lest li jħallas dawk is-somom li ħaqqhom malli l-Isptar ikolu l-flus f'idejh. Fil-kontro-eżami Dr.Frank Portelli ma setax iwieġeb għad-domanda jekk fl-1 t'April l-isptar kienx miftuħ jew le minħabba li kienu qed jaħdmu on a three day week.
Huwa baqa' jinsisti li l-impjegati involuti f'din il-proċedura u f'żewġ proċeduri oħrajn, qabdu u telqu 'l barra.

Ikkonsidrat
**Fl-ewwel paragrafu** tal-aggravju l-appellant jissottometti li l-ammonti indikati fiċ-ċitazzjoni jammontaw għal **€4253.24**. Għalhekk l-ammont totali indikat fiċ-ċitazzjoni huwa ħażin. Skont l-appellant isegwi li ċ-ċitazzjoni hija nulla. Il-Qorti ħadmet it-totali u **qablet mat-total indikat mill-appellant**. Iżda, waqt li ser tieħu ħsieb tipprovdi aktar 'il quddiem dwar din il-parti tal-aggravju, il-Qorti mhix tilqa' dik il-parti tal-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza jew li l-appellant kellu jiġi liberat għaliex iċ-ċitazzjoni hija biss 'avviso a comparire'. Ikun biżżejjed li min ikun ċitat biex jidher ikun jaf bejn wieħed fuqhiex. Miċ-ċitazzjoni jirriżulta ċar li din kienet dwar nuqqas ta' ħlas ta' pagi u għal-liema żmien umhux dwar xi ħaġa oħra totalment differenti. Għalhekk il-Qorti, waqt li qed tieħu konjizzjoni tat-total tal-ammont kif pretiż kif korrett, **qed tiċħad** din il-parti tal-aggravju fejn hemm sottomissjonijiet dwar nullita' taċ-ċitazzjoni jew li l-appellant kellu jiġi liberat.

**Fit-tieni paragrafu** tal-istess aggravju, l-appellant jissottometti li huwa tenut li jħallas it-taxxa u l-ammont ta' kontribuzzjoni tas-sigurta' nazzjonali dovut mill-impjegat. Skont l-artikolu 15 tal-Kap 452, ma jista' jsir ebda tnaqqis mill-paga ħlief dak permess skont l-istess Kap jew xi tnaqqis rikjest minn xi Liġi oħra. Id-dipartiment joħroġ it-talba fuq il-gross amount due għax id-dipartiment ma jkollux il-mezzi biex ikun jaf l-impjegat x'dovut iħallas. Il-Qorti **qed tilqa' din il-parti tal-aggravju** u fisd-decide ser tindika x'għandu jsir mill-appellant.

**Fit-tielet paragrafu**, l-appellant jgħid li għandha titnaqqas is-somma dovuta mill-impjegata bħala notice money. Il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju għaliex jidher li m'hemmx qbil bejn l-impjegata u l-Isptar jekk kienx hemm raġuni ġustifikata jew le. Min-naħa tal-Isptar qed jingħad li l-impjegata qabdet u telqet 'il barra. Min-naħa l-oħra l-impjegata qed tgħid li hija ma kinitx qed titħallas għalkemm kienet qed tirrapporta għax-xogħol. Barra dan il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li ma kienx qed isir ħlas kull erba' ġimgħat kif titlob il-Liġi.

Skont l-artikolu 36 (14) tal-Kap 452, tista' ma tingħatax raġuni jekk hemm raġuni tajba u suffiċjenti f'każ ta' tkeċċija mill-impieg jew abbandun tas-servizz. Issa f'dan il-każ m'hemmx il-kunsens tal-impjegata biex isir dan it-tnaqqis u m'hemm ebda deċiżjoni finali dwar hux dovut l-ammont. L-artikolu 1197 tal-Kap 16 (il-Kodiċi Ċivili) jiddisponi kif ġej:

'(1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.
(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità.'
F'dan il-każ l-ammont la huwa likwidat u lanqas hemm ċertezza dwar **jekk l-ammont hux dovut jew le. (Ara: Marianna Spiteri et vs Joseph Vella 3 ta' Mejju 1993. Imħallef Alberto Magri).**

**Fl-aħħarnett, il-mod kif hu redatt l-artikolu 13(1) tal-Kap 452, fin-nuqqas ta' kunsens tal-impjegat jew jekk ma kienx hemm xi arranġament bejn l-Isptar u xi Trade Union, tali tnaqqis għall-allegat notice ma jistax isir.**

**L-artikolu 45(2) tal-Kap 452 jagħti setgħa lill-Qorti u jorbotha li tordna l-ħlasijiet ta' paga iżda ma jgħid xejn dwar tnaqqis minħabba in-notice money. U dan wieħed jifhmu fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 45(2)(d) – jiġifieri ftit aktar 'il fuq.**

Għalhekk l-appellant ma jistax inaqqas bħala tpaċija jew kompensazzjoni dak li hu qed jippretendi bħala notice money. **Il-Qorti għalhekk qed tiċħad din il-parti tal-aggravju.**

Fir-raba' paragrafu tal-istess aggravju, l-appellant jissottometti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-ammont dovut. Il-Qorti **qed tiċħad** din il-parti tal-aggravju għaliex il-Prosekuzzjoni filfatt għamlet il-prova mistennija minnha skont il-Liġi.

Fil-ħames paragrafu, l-appellant jirrepeti l-istess argument tal-ewwel paragrafu tal-aggravju u jaħdem l-ammont finali skont il-fehma tiegħu. Il-Qorti **qed tiċħad** din il-parti tal-aggravju. Il-fatt li t-total tal-ammont dovut għandu jkun aġġustat ma jfissirx li l-appellant kellu jiġi liberat.

Finalment, l-appellant jissottometti li l-azzjoni tal-lum hija waħda kriminali. Dan huwa veru iżda l-liġi tawtorizza lill-Qorti li tagħti l-kumpens mitlub kif jidher mill-artikolu 45 tal-istess Kap:

'il-qorti għandha, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, minbarra li tagħti l-piena stabbilita bis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, tordna lill-ħati, wara l-prova ta' l-ammont, li jirrifondi jew iħallas lill-impjegat jew lill-impjegati li jkunu, jew lill-apprendista jew lill-apprendisti li jkunu, skond il-każ, l-imsemmi ammont dovut minnu u, fil-każ ta' vaganzi bi ħlas li ma jingħatawx, somma daqs il-ħlas dwarhom, u kull ordni bhal dak tal-qorti g]andu jkun ta' l-istess forza u effett u jkun esegwibbli bl-istess mod daqslikieku jkun ingħata f'kawża ċivili bejn l-impjegat jew l-impjegati li jkunu jew l-apprendista jew l-apprendisti li jkunu, skont il-każ, u l-prinċipal:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tnaqqas minn xi jedd ta' l-impjegat jew l-apprendista, skond il-każ, li jiġbor b'xi mezzi oħra kull ammont li hu jkollu jieħu.'

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qed tilqa' is-sottomissjoni li hemm fl-ewwel paragrafu dwar it-total tal-ammont dovut għaliex matematikament dan għandu jkun €4253.24 iżda mhux il-bqija tas-sottomissjoni u qed tilqa wkoll is-sottomissjoni fit-tieni paragrafu u qed tiċħad is-sottomissjonijiet l-oħra kollha li jagħmlu parti mill-aggravju u qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Frank Portelli' fl-1 ta' Marzu 2011' billi waqt li qed tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati li naqas li jħallas l-ammont dovut ta' bħala paga, bonus u weekly allowance lil Annunziata k/a Nancy Cauchi u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat fi żmien tliet xhur ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 qed tirrevokha u tħassarha fejn ikkundannatu jħallas lill-impjegata Annunziata k/a Nancy Cauchi €4446.49 u minflok qed tikkundannah iħallas €4253.24 biss minnha għandhom jitnaqqsu t-taxxa u l-kontribuzzjoni tas-sigurta' nazzjonali dovuti mill-impjegata li għandha tingħata d-dettalji kollha dwar dan it-tnaqqis.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------